**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IL-HAMES KUNSILL 2007-2012**

**SEDUTA NUMRU 48**

**L-ERBGĦA 9 ta' MARZU 2011 FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL FIL-5.00P.M.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| CARMEN SAID | SINDKU |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| RENE`ROSSIGNAUD | KUNSILLIER |
| GORDON SHEPHARD | KUNSILLIER (wasal fis-6.00p.m.) |

**SKUŻATI:**

| | |
|---|---|
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| JOE BONELLO | VIĊI SINDKU |

**Mill-Kumitat Amminstrattiv tal-Madliena**

| | |
|---|---|
| MARY ANNE ABELA | VIĊI CHAIRPERSON |

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA.

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-minuti tas-Seduta numru 47 ġiet approvata. Il-Kunsillier Fenech ippropona. Is-Sindku ssekondat.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

**Mill-Kunsillier Mario Fava**

1. Il-Kunsillier staqsa dwar il-progress ta' xoghlijiet ta' tarmak fit-toroq tal-Madliena. Hu ġie nformat li x-xogħlijiet qed isiru tajjeb u fil-ħin. Ġie nfurmat ukoll li l-proġett wasal fil-fazi finali.

2. Il-Kunsillier staqsa dwar meta ser jibdew ix-xogħlijiet tal-proġett tal-bankini. Is-Sindku wieġbet li l-programm ta' dawn ix-xogħlijiet diġa qegħda għand il-ħaddiema tad-distrett is-Sur Simon Cioffi. Dawn ix-xogħlijiet ser jibdew meta jitlestew ix-xogħlijiet li dawn għandhom f' idejhom.

3. Il-Kunsillier informa li kellu kuntatti ma' l-aġenzija li jissuplixxi kul tip ta' turf. Il-kuntatti ta' l-aġenzija ser jiġu mgħoddija lill-Perit tal-Kunsill.

4. Il-Kunsillier staqsa dwar il-possibilta'li ssir iż-żebra crossing fin-naħa ta' fuq ta' Triq ta' l-Ibrag fil-viċinanza tal-lukanda Halland. Il-Kunsill talab għal stima tax-xogħlijiet.

5. Il-Kunsillier staqsa jekk intbaghiex il-korrispondenza lit-Transport Malta dwar il-ħsarat fil-wiċċ ta' Triq il-Marbat. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li din il-korrispondenza saret.

6. Il-Kunsillier staqsa jekk kienx sar xi kuntatt mall-wardens sabiex dawn jibdew jissorveljaw l-abbuz ta' parking fi Triq il-Qasam kantuniera ma' Triq is-Sidra, fit-Triq is-Swieqi u fin-naħa ta' isfel ta' Triq ta' l-Ibrag. Is-Sindku wieġbet li din il-materja ser tiġi diskussa waqt l-ewwel laqgħa tal-Kumitat Konġunt.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## IV KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is-Sindku nfurmat li kellha kuntatti mall-Perit tal-Kunsill dwar il-proċess ta' l-offerta tat-Tennis Court. Il-Perit informa li l-ispesifikazzjoni ser ikunu lesti dalwaqt.

2. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-laqgha li kellha ssir il-qorti ma' l-avukati dwar il-kont ta' pjanti tal-proġett ta' Triq il-Keffa ma saritx minħabba li l-Perit Paul Camilleri kien imsiefer fid-data iffisata.

3. Il-Kunsill ġie nfurmat li saret laqgħa dwar studenti barranin li dalwaqt ser jibdew jiġu fil-lokalita ' tagħna. Għal din il-laqgħa kienu preżenti uffiċjali mill-MTA, membri mill-ambaxxata Spanjola, uffiċjali tal-Pulizija, l-għaqda ta' l-iskejjel Feltom u l-Kunsillier Fenech. Fil-laqgha ġew diskussi xi miżuri ser jittieħdu biex l-istudenti li jżuruna iżommu l-kwiet u l-ordni.

4. Is-Sindku nfurmat li qed tirċievi diversi ilmenti mingħand residenti tal-Madliena dwar ħsarat li qed issir fil-propjeta' tagħhom mill-kuntrattur li qed jagħmel it-tarmak fit-toroq tal-Madliena. Hi nfurmat ukoll li anki waslu ilmenti mill-uffiċċju ta' Dr. Chris Said. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li din il-materja tqajjmet waqt l-aħħar seduta li saret tal-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena. Fil-laqgħa ġie deċiż li mill-kont li jmiss tax-xogħlijiet ta' tarmak jitnaqqsu €7000.00 biex jagħmlu tajjeb għal dawn il-ħsarat. Il-Kunsill qabel unanimament mid-deċizzjoni tal-Kumitat Amministrattiv. Meta l-ħsarat jittranġaw mill-Kuntrattur għas-sodisfazzjon tar-resident allura dawn il-fondi (€7000.00) jkun jistgħu jingħataw lura.

5. Is-Sindku nfurmat li hi ppreżentat il-pagament ta' €563.67 lill-Community Chest Fund. Dawn il-fondi kienu inġabru mill-Kunsill waqt il-Kampanja li kienet saret fil-Milied.

6. Is-Sindku nfurmat li hekk kif jitlesta l-audit, il-Kunsill ikun f' pozizzjoni li jkun jaf il-qagħda finanzjarja eżatt u għaldaqstant ikun jistgħu jibdew id-diskuzzjonijiet dwar il-kisi bit-tarmak fi Triq il-Qasam.

<u>Konferenza ECAD li ser issir fil-Bulgaria f' Mejju 2011</u>

7. Is-Sindku nfurmat li l-konferenza li jmiss ta' ECAD ser issir ġewwa Varna fil-Bulgarija. Hi talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill biex hi flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv jattendu għal din il-konferenza. Il-Kunsill unanimament approva. Il-Kunsillier Fenech ippropona. Il-Kunsillier Rossignaud issekonda. Is-Sindku infurmat wkoll li għal l-istess konferenza se jsir ħlas ta' membership ta' 200 lira sterlina kull sena. Il-Kunsilll qabel li jitħallsu.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## V RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

**Mill-Kunsillier Mario Fava**

1. Il-Kunsillier nforma li hu ma setgħax jattendi għall-laqgħa tal-Kunsill li kienet saret apposta biex jiġu approvati il-management accounts tal-Kunsill. Il-Kunsillier informa li hu ma setgħax minħabba raġunijiet ta' xogħol. Din il-laqgħa kienet saret ta' malajr minħabba nuqqas min-naħa ta' l-accountant tal-Kunsill. Dan qatt ma lesta l-management accounts fil-ħin biżżejjed li wieħed ikun jista jistudjom tajjeb. Dan il-punt ġie inqajjem kull Sena. Il-Kunsill ikkonkluda li l-kuntrattur il ġdid li jintagħzel għandu jiġi marbut b' kundizzjonijiet aktar min dawk preżenti.

2. Il-Kunsillier Rene Rossignaud talab sospenzjoni tal-laqgħa. Il-Kunsillier Fenech ippropona s-Sindku ssekondat. Il-Kunsill qabel. Hin: 7.15p.m.

   *Il-Kunsillier Rene Rossignaud informa li hu qed jiddikjara li mhux ser jibqa Kunsillier indipendenti iżda ingħaqad bħala Kunsillier fi ħdan il-Partit Nazzjonalista.*

3. Il-laqgħa tkompliet fis-7.30p.m.

**Mill-Kunsillier Rene Rossignaud**

4. Il-Kunsillier informa li l-ħaddiema li ħadmu fil-ħajt ta' ħdejn il-bring-in-sites ħallew ħafna skart warajhom u talab biex dan jiġu imnaddaf.

5. Il-Kunsillier faħħar ix-xogħol tal-kuntrattur preżenti inkarigat mill-ġbir ta' skart inħallat. Il-Kunsillier irrimarka wkoll li dan huma kuntrattur li qed jaħdem għall-qalbu.

6. Il-Kunsillier irrimarka wkoll li ir-recycling li jinġabar kull nhar ta' tlieta mhux qed jinġabar minn wara l-ġnien fi Triq is-Swieqi. Hu talab biex jiġi nfurmat il-Kuntrattur responsabbli.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## V RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

**Mill-Kunsillier Paul Fenech**

1. Il-kunsill ġie infurmat li ix-xogħljiet fuq it-tiswija tal-girna f' Wied Għomor għad ma bdietx. Is-Sindku wieġbet li din qegħdha fuq il-programm ta' xogħlijiet li ser isir mill-ħaddiema tad-distrett.

2. Il-Kunsillier irrefera għall-laqgħa li saret mas-sidien ta' skejjel li iġibu l-isttudenti minn barra.

3. Il-Kunsillier irraporta li hu għamel riċerka dwar minn l-iżjed qed juzha t-Tennis Court. Minn riżultati li kiseb jirriżulta li ftit huma dawk li qed jilgħabu huma residenti tas-Swieqi. Ghaldaqstant hu talab biex b' effett immedjat kull perusna li tirregistra biex tilgħab għandha tħalli dettalji, kif fil-preżent qed issir, pero' dawn għandhom jinkludu l-ID Card No.

4. Il-Kunsillier irrimarka ukoll dwar il-kuntrattur li jiehu ħsieb il-ġonna, Hu faħħar ix-xogħlijiet tiegħu. Iż-żamma tal-ġonna fil-lokalita' tagħna hija fost l-aqwa fil-pajjiz.

5. Il-Kunsillier irrimarka dwar it-tourist zone. Hu talab biex tiġi iffisata laqgħa mall-persuna inkarigata..

**Mill-Kunsillier Alfred Curmi**

1. Billi il-Kunsillier ma kienx preżenti għal din il-laqgħa minħabba raġunijiet ta' mard is-Segretarju Eżekuttiv qara lista ta' rikjesti mibgħuta mill-Kunsillier sabiex tiġi ppreżentata fis-seduta. Din il-lista tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

**Mill-Viċi Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena**

1. Is-Sinjura Abela irrikomandat li ssir CCTV Camera fil-viċinanza tal-bring in sites fi Triq ix-Xiber. Is-Sindku ħadet l-inkarigu li tindirizza din il-materja fil-laqgha tal-Kumitat konġunt li jmiss.

2. Il-Vici Chairperson infurmat li x-xogħlijiet ta' kisi bit-tarmak fil-Madliena mixjin b' ritmu tajjeb filwaqt li x-xogħlijiet qed isiru skont kif titlob is-Sena. Il-membru staqsiet biex isiru kuntatti mall-Kuntrattur sabiex jitħaffef ix-xogħol fi Triq il-Bir.

3. Il-Viċi Chairperson tablet sabiex isiru arranġamenti mad-dipartiment saibex il-Kumitat ikun jista jagħmel użu mill-website tal-Kunsill.

**HUGH ZAMMIT** **CARMEN SAID**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

## VII APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI

1. Il-pagamenti kollha li jidhru fuq l-iskeda ġew approvati. Il-Kunsillier Fenech ippropona u is-Sindku ssekondat.

Il-Laqgħa spiċċat fit-8.30p.m. u Sar aġġornament għal nhar it-Tlieta 12 ta' April 2011 fil-5.00p.m.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**